MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 87/2004

**Citadel Insurance p.l.c**

**vs**

**Ray Meilak**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm667.42) rapprezentanti sehem ta' diversi *premia* migbura mill-konvenut bhala *sub-agent* tas-socjeta attrici, u dan kif jirrizulta minn kopja ta' *statement of account* anness mal-Avviz u mmarkat Dok A u liema sehem hu dovut lill-istess socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Awissu 2003, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm667.42), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Awwissu, 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------